VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19, 140, 20 ta' Settembru, 2013
Taqsima B

A.L. 286 tal-2013

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni tal-2013 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 4)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni tal-2013 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 4).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet tal-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-23 ta' Awwissu, 2013.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Biċċa art, magħrufa bħala Plot 24 fi Triq il-Mitħna l-Ġdida fil-Mellieħa, ta' madwar 166.82 metri kwadri u li tmiss mill-Grigal ma' Triq il-Mitħna l-Ġdida, mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Majjistral ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar. L-art hi soġġetta għal enfitewsi temporanju b'Kuntratt Nru. 234/69 datat 11 ta' Awwissu, 1969 fl-atti tan-Nutar A.Grech. L-art tinsab fuq parti minn proprjetà tal-Gvern li kienet qabel reġistrata bħala Tenement Nru. Z50222 port. 5. u tinsab reġistrata fl-atti tad-Direttorat għat-Tmexxija tal-Proprjetà bħala Tenement Nru. 65343 u delineata bl-aħmar u markata "P.24" fuq il-pjanta L.D. 383/91/6 (HAP 6/2013).

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Biċċa art, li tikkonsisti fi 32 *maisonette*, 36 garaxx u *substation* fi Triq il-Waqqafa, Ta' Mlit fil-Mosta, ta' madwar 3, 375 metri kwadri u li tmiss mill-Grigal ma' Triq il-Kultellazz, mil-Lbiċ ma' Triq l-Alwetta u mix-Xlokk ma' Triq il-Waqqafa. L-art tinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 84038 u tinsab reġistrata fl-atti tad-Direttorat għat-Tmexxija tal-Proprjetà bħala Proprjetà Nru. E20681 u delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2009_40 (HAM 9/97 VOL II).

(3) Dar bin-numru 5, Triq ir-Rummien, San Ġwann (Tenement Nru. 65622 – HA 139/99).

(4) Dar bin-numru 7, Triq il-Kamelja, Santa Luċija (Tenement Nru. 64316 – HA 151/99).